ĦAL TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

**Minuti** — **Laqgħa Straordinarja Nru. 11/06**

* Il-Kunsill ltaqa' nhar Data u hin
It-Tnejn 8 ta' Frar 2010 fil-5.30pm
fl-Uffiċċji Amministrattivi
f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.

** Preżenti għal-Laqgħa: Attendenza

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Dr. O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Maurice L. Mallia | Seg. Eżek. |

Is-Sur I. Dalli kien assenti.

Preżenti wkoll l-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur R. Cutajar.

*** Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji

**1.1** Is-Sindku ta merħba liż-żewġ *Accountants* li ġew mitluba jattendu biex jagħtu spjegazzjoni tal-estimi finanzjarji li ġew ippreparati minnhom biex wara jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali u lill-Awditur maħtur mill-Gvern Ċentrali *Messrs* A3 *Accountants*. Merħba

**1.2** Is-Sur Craig qal li huma assistew lis-Segr. Eżekuttiv biex jinħareġ id-dokument li qed jiġu diskussi llum.

**1.3** Kompla jgħid li dan mhux eżerċizzju ta' Awditjar imma preparamenti għall-estimi finanzjarji li ser jiġu awditjati minn Awdituri maħtura mill-Gvern Ċentrali. Estimi Finanzjarji

**1.4** Is-Sur Craig qal li din is-sena finanzjarja tbidlet u għalqet fl-aħħar ta' Diċembru 2009 u mhux fil-31 ta' Marzu 2010. Jiġifieri l-estimi inħadmu fuq disa' xhur. Għaldaqstant jidher li d-dħul kien inqas u l-infieq aktar baxx.

**1.5** Id-dħul totali, inkluż dak mill-Gvern Ċentrali, kien jammonta għal €317,147 filwaqt li l-ispiża kienet ta' €315,984 li jibqa' bilanċ żejjed ta' €1,163 għal 9 xhur komparat ma' dak tas-sena preċedenti ta' €41,932 għal 12-il xahar.

1.5.1 Is-Segr. Eżekuttiv irrimarka li din id-differenza bejn is-sena preċedenti u dik kurrenti hi b'riżultat li l-ispiża sostanzjali kienet fuq *'major patching'* li tħallset f'nofs is-sena li tammonta għal €68.211. Kieku s-sena kellha tgħalaq f'Marzu li ġej kien ikun hemm inkluż ukoll dħul ta' allokazzjoni oħra u spejjeż normali inqas u mhux spejjeż kapitali, li allura s-sitwazzjoni ta' 'surplus' kienet tkun iżjed favorevoli. Spejjeż

**1.6** Dwar dħul tal-LES, is-Sur Craig ikkummenta li din is-sena il-Kunsill irċieva parti mill-profitti wara li nqatgħu l-ispejjeż għall-*pre-pooling*. Mis-sistema tal-*pooling* il-Kunsill għad ma rċieva xejn. Dħul mill-LES

1.6.1 Dwar id-dħul miċ-ċitazzjonijiet fis-sistema tal-'*Pooling'* is-Sur Craig qal li d-dħul mhux juri stampa ċara u reali u għaldaqstant id-dħul qed jiġi rekordjat meta jidħlu l-flus fuq bażi ta' '*cash'*.

**1.7** Is-Sur Craig ikkummenta li d-deprezzament tal-assi ma jaqbilx man-'*Nominal Ledger'*. Jidher li din hi problema antika u mhux faċli li tiġi rranġata. L-aħjar mod hu li tinqata' linja u l-ammonti jiġu '*Brought Forward'* u jitkomplew fuqhom l-assi l-ġodda. Deprezzament

1.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan l-eżerċizzju diġa' nbeda u qed isir sforz biex jitlesta'.

**1.8** L-assi totali tal-Kunsill huma valutati għal €780,000. Dan, ifisser, qal is-Sur Craig, li kieku l-Kunsill kien kumpanija privata u jiġi biex jillikwida ikun jista' jdaħħal dan l-ammont. Balance Sheet b'saħħitha

1.8.1 Is-Sur Craig qal li l-*Balance Sheet* tal-Kunsill hi waħda b'saħħitha u dan jawgura tajjeb fl-operat tal-Kunsill.

**1.9** Wara din l-ispjegazzjoni, il-Kunsill approva unanimament l-estimi finanzjarji għas-sena li għalqet fl-aħħar ta' Diċembru 2009. Approvazzjoni

1.9.1 Is-Sindku flimkien mas-Segr. Eżekuttiv iffirmaw l-estimi li ser jintbagħtu mill-Awditur Ġenerali u lill-Awditur maħtur mill-Gvern Ċenerali għall-verifika. (App. 1)

**1.10** Is-Sindku rringrazzja liż-żewġ *Accountants* għax-xogħol tagħhom filwaqt li sellmilhom flimkien mal-membri l-oħra.

**1.11** L-*Accountants* sellmu lill-Kunsill u rtiraw mill-kamra fis-6.15pm.

## 2.0 Approvazzjoni tal-Budget 2010

**2.1** Il-Kunsill iddiskuta l-Budget 2010 li ġie ċċirkulat mal-Aġenda lill-Kunsillieri kollha.

**2.2** Kien hemm qbil unanimu li l-Budget hu wieħed ristrett ibbażat fuq dak impost mill-Gvern Ċentrali li parti sostanzjali mill-Allokazzjoni annwali ta' €439,239 hi *'ring-fenced'* u trid tintefaq bilfors kif propost mill-Gvern Ċentrali. Budget ristrett

2.2.1 Dan ifisser li €121,664 iridu jintefqu fuq toroq u €182.968 fuq skart u tindif li jammontaw għal €304,632 li huma kważi 70% tal-allokazzjoni.

2.2.2 Dan jirriżulta li l-Kunsill jibqagħlu 30% biss għall-amministrazzjoni, proġetti u xogħlijiet oħra.

**2.3** Il-Kunsill approva unanimament il-Budget 2010 kif imressaq u diskuss (App. 2) Approvazzjoni

## 3.0 Laqgħa Pubblika

**3.1** Il-Laqgħa Pubblika tal-Lokalita' ser issir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Frar 2010 fis-6.00pm fiċ-Ċentru Komunitarju u li għaliha huma mistiedna ir-residenti Tarxiniżi li isimhom jidher fl-aħħar ħarġa tar-Reġistru Elettorali.

## 4.0 Għeluq tal-Laqgħa

**4.1** Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata *sine die* mis-Sindku.

| | |
|---|---|
| **Maurice L. Mallia**<br>**Segr. Eżek.**<br>9/2/2010 | **Kav. Pawlu Farrugia**<br>**Sindku** |